MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 76/2010

Il-Pulizija
(Sp Anna Marie Micallef)
vs
Abdul Baset Dabia, iben Muhammed, imwieled Tripoli, Libya fil-15 ta' Jannar, 1969, Karta ta' l-Identita' numru 19563(A)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-31 ta' Jannar, 2010 għal ħabta tas-2.00 a.m., f'dawn il-Gżejjer, u cioe' fl-Imsida –
1. ikkometta serq minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBF 682, ta' l-għamla Peugeot, li sar għad-dannu ta' Adrian Caruana u/jew persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. ikkometta serq minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAO 521, ta' l-għamla Tata, li sar għad-dannu ta' Raymond Caruana u/jew persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. ikkometta serq minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAS 214, ta' l-għamla Mitsubishi, li sar għad-dannu ta' Charles Azzopardi u/jew persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBF 682, ta' l-għamla Peugeot, għad-dannu ta' Adrian Caruana u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KAS 214, ta' l-għamla Mitsubishi, għad-dannu ta' Charles Azzopardi u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex €116.47 imma iżjed minn €23.29;
6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, volontarjament ħassar, għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAU 261, ta' l-għamla Peugeot, għad-dannu ta' Hubert Suda u/jew persuni oħra, liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
7. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għamel l-awrina f'post pubbliku;
8. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 325(1)(b)(ċ) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tlett snin priġunerija. Minħabba l-fatt li l-imputat hu dipendenti fuq il-vizzju tad-droga tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta’ Kordin biex jieħu l-passi kollha biex l-imputat jirribilita’ ruħu minn dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------